MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 197/2009

Kawza fil-lista: 25

**A B f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri C D,**
**nominata b' digriet tal-20 ta' April 2009**
**vs**
**E D, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex**
**kjamat fil-kawza b' digriet moghti fil-25 ta' Novembru 2009**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hi separata minn ma' zewgha l-konvenut E D permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-4 ta' Dicembru 2003; li fl-24 ta' Novembru 2003 hi kellha tarbija bl-isem 'C' barra z-zwieg li pero' giet

registrata bhala l-wild ta’ l-imsemmi E D; li l-missier naturali tat-tarbija mhuwiex dan E D, izda ragel iehor; u ghaldaqstant, talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri (Dok. A), hemm erronjament imnizzel li missier il-minuri huwa ‘E D’;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid hawn fuq indikat billi jigi kkancellat isem “E D” bhala missier it-tarbija u minflok jigi inserit “missier mhux maghruf” fejn suppost hemm l-istem tal-missier naturali tal-minuri, u kif ukoll li isem it-tarbija jigi mibdul minn “C D” ghal “C B”, u dan fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri.

3. Tordna li jsiru t-testijiet tad-DNA sabiex jigi kkonfermat illi E D m’ huwiex il-missier naturali tal-minuri;

Bl-ispejjez konta l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta rrisponda:

1. Illi *in limine litis* jibda biex jingħad li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta’ Malta mhuwiex il-leġittimu kontradittur f’din il-kawża odjerna peress li l-Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 312 tas-sena 2003 mertu ta’ dawn il-proċeduri ma jinsabx reġistrat f’Malta iżda fil-Gżira ta’ Għawdex a tenur tal-Artikolu 239 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Għalhekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta’ Malta għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi bla ħsara għal premess talanqas mill-atti li ġew servuti lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri C D skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Magħdud ma’ dan irrispettivament milll-presenza o meno tal-imsemmija awrtorizzazzjoni, hija l-

umili fehma tal-esponent li sabiex jiġu aċċertati li l-interessi tal-minuri C D jipprevalu u ma jkunx hemm ir-riskju li l-interessi personali ta' A B jieħdu post dawk tal-minuri huwa vitali li l-minuri tkun rappreżentata minn persuna indipendenti mill-kwistjonijiet interni li jistgħu jeżistu bejn il-partijiet kontendenti li huma parteċipi f'dawn il-proċeduri;

3. Illi in vena preliminari wkoll l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi probatorji u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi dejjem bla preġudizzju għas-suespost biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jridu jipprovaw li l-intimat E D fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tiflla, kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar ma' martu A B minħabba li kien bogħod minnha ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt jrid jiġi pprovat ukoll li l-pussess ta' stat tal-minuri C ma jaqbilx ma' l-istat li jagħtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati r-raba' u l-ħames eċċezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti jħoss li minħabba n-natura delikata tal-każ huwa fl-aħjar interess tal-minuri C, li r-rikorrenti A B tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili. Di fatti jinħass opportun li jekk il-minuri ħa titlef l-istat ta' bint imwielda u mnissla fiż-żwieġ talanqas il-minuri għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha u dan għal skopijiet ta' potenzjali proċeduri futuri ta' rikonoxximent;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-

azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex irrisponda:

1. Illi l-esponent m’ huwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x’ jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi probatorji u ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jridu jipprovaw li l-intimat E D fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mmija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla, kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu A B minhabba li kien boghod minnha ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fl-istess waqt jrid jigi pprovat ukoll li l-pussess ta’ stat tal-minuri C ma jaqbilx ma’ l-istat li jaghtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81(1) u (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m’ hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u ghalhekk huwa m’ ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat li l-konvenut E D, debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dott.Marisa Cassar [fols.26 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla bl-isem C, li hi weldet fl-24 ta' Novembru 2003 u li fuq ic-certifikat tat-twelid taghha numru 312/03 giet registrata bhala l-wild tal-konvenut E D, mhijiex fil-fatt it-tifla naturali ta' dan il-konvenut, izda hija l-wild ta' missier mhux maghruf; qed titlob ukoll id-debiti aggustamenti fl-imsemmi att tat-twelid.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici sseparat de facto minn ma' zewgha l-konvenut E D f' Dicembru 2001. Fl-24 ta' Novembru 2003 hija weldet it-tarbija C frott ta relazzjoni extra matrimonjali. Fl-4 ta' Dicembru 2003 hi u l-konvenut E D iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Illi l-attrici tghid li t-tifla mhijiex il-wild naturali ta' zewgha peress li minn "xhur qabel is-separazzjoni de facto" huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar.

Ir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissufragaw it-tezi attrici peress li jikkonfermaw li t-tifla C li twieled fl-24 ta' Novembru 2003 mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E D.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifla C D li twieldet mill-attrici fl-24 ta' Novembru 2003 m'hijix il-wild naturali u bijologika tal-konvenut E D, u ghalhekk, tordna l-konsegwenzjali aggustamenti fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------